# Nispera li nsibu l-mezzi biex din l- inizjattiva ma tkunx waħda iżolata

*— Claudio Baglioni f'intervista ma' IN-NAZZJON lejlet il-kunċert 'Ciao'Scia' fil-Valletta Waterfront*

minn **Joe CASSAR** – joe.cassar@media.link.com.mt

***Claudio Baglioni** jitkellem ma' IN-NAZZJON dwar il-karriera mużikali tiegħu, dwar il-problema ta' l-immigrazzjoni klandestina u dwar il-kunċert 'Ciao'Scia' li se jsir għada fil-Valletta Waterfront*

Ili nsegwi l-mużika tal-kantawtur Ruman Claudio Baglioni prattikament minn tfuliti, meta fuq il-mezzi tax-xandir bdiet tindaqq ta' spiss il-kanzunetta *Questo Piccolo Grande Amore.* Dan wara li l-kantant aċċetta li jirrekordjaha mill-ġdid biex il-kelma *nudi* tinbidel għal *soli.* Kienu żminijiet oħra! Għaddew is-snin, id-dinja rat bidliet kbar, inkluż fil-qasam mużikali, imma Baglioni baqa' jagħmel suċċess wara l-ieħor. Il-vjaġġ mużikali tiegħu bqajt insegwih sa llum… u t-tifel tiegħi, li twieled erba' snin ilu, ma jismux Claudio b'kumbinazzjoni!

Illum Baglioni ma fadallux xagħra sewda, imma fadallu ħafna enerġija mhux biss għal aktar kanzunetti u aktar kunċerti, imma anki għal proġetti ġodda bħal dan ta' għada bl-iskop li jiġbed l-attenzjoni tan-nies tal-poter dwar il-fenomenu ta' l-immigrazzjoni illegali u l-problemi li ġġib magħha.

Ma kienx faċli l-appuntament biex niltaqa' miegħu, imma bl-għajnuna tal-*management* Taljan li qed jakkumpanjah f'Malta, partikolarment ta' Sig. Giuseppe Cesaro, kellimtu għal ftit aktar minn nofs siegħa f'Dar il-Mediterran, fejn f'dawn l-aħħar jiem kienu qed isiru l-provi għall-kunċert ta' għada.

Kien ġentili immens u kellimni bil-kalma karatteristika tiegħu, bi kliem meqjus u profond mhux biss ta' wieħed mill-aqwa kantawturi li kellha l-Italja f'dawn l-aħħar 40 sena, imma anki bħala ħassieb li ma jibqax passiv quddiem dak kollu li jkun għaddej madwaru u jaġixxi bil-mezzi tiegħu, il-pinna, il-vuċi, l-istrumenti mużikali.…

**Il-karriera mużikali tiegħek splodiet bil-kanzunetta leġġendarja *Questo Piccolo Grande Amore…* minn dakinhar għaddew aktar minn 35 sena… u Claudio Baglioni għadu joħroġ l-albums u jimla l-pjazez u l-*grounds* kull fejn jagħti l-kunċerti… kif tispjegaha ħaġa bħal din?**

Fil-fatt anki għalija hi xi ħaġa tal-għaġeb li f'kull kunċert li jkolli niskopri li tant u tant nies jiġu regolarment kull fejn inkun qed inkanta jien… u magħhom dejjem jiżdiedu ammiraturi ġodda b'mod li quddiemi ninnota ġenerazzjonijiet differenti jkantaw, iċapċpu idejhom, jiżfnu, jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom waqt il-kunċerti *live*… ma nafx x'inhi eżatt il-formula, naħseb hi l-fatt li l-mużika hi storja kbira u twila li kapaċi tlaqqa' flimkien u tagħti pjaċir lil tant u tant nies.

Jista' jkun ukoll il-fatt li jien bdejt mix-xejn, meta kont għadni tant żgħir u fi triqti bnejt bil-mod il-mod karriera twila mużikali. Għall-bidu kien hemm ix-xewqa li tikber, li ssir xi ħadd u ma tibqax it-tfajjel tal-periferija, tifel ħiereġ minn familja mill-aktar normali. Illum il-mużika għalija saret passjoni, mhux biss diski u l-kliem tagħhom, imma anki proġetti bħal dan li qegħdin hawn għalih bħalissa. Proġetti li jikkomunikaw mal-qlub tan-nies. Insomma għalija hi fortuna. Ngħidha kemm-il darba li jien inħossni bniedem privileġġjat f'dak kollu li għaddejt minnu.

**Personalment hemm kanzunetti oħra tiegħek li nippreferihom minn *Piccolo Grande Amore…* partikolarment dawk miġbura fl-albums *Strada Facendo* u *La Vita è Adesso,* kanzunetti bħal *Le Ragazze dell'Est, I Vecchi, Uomini Persi, Notte di Note…* imma jibqa' l-fatt li din il-kanzunetta baqgħet f'qalb il-pubbliku Taljan… u anki Malti rrid ngħid… X'tirrappreżenta għalik din il-kanzunetta?**

Tfisser ħafna għax hi l-kanzunetta li lilha naf l-ewwel tarġa għall-popolarità tiegħi. Hi kanzunetta li wkoll kellha l-'fortuna' li tingħoġob ma' numru kbir ta' nies, forsi minħabba l-kontenut tagħha, tal-kliem, tar-ritornell tagħha. Meta ħarġet kellha lingwaġġ differenti, ħoss partikolari li ntlaqa' tajjeb mill-pubbliku. Mal-mogħdija taż-żmien baqgħet fuq quddiem fil-lista tal-kanzunetti preferiti mill-pubbliku Taljan, u kienet anki deskritta bħala l-'kanzunetta tas-seklu'.

Ma nafx, hi fenomenu, jeżistu kanzunetti li jintgħoġbu imma xorta waħda jkollhom ħajja qasira, imma mbagħad hawn kanzunetti li ma jixjiħux u ma jmutux, anzi li jittrażmettu emozzjoni tant u tant qawwija f'numru kbir ħafna ta' nies f'inħawi differenti tad-dinja.

**Minn xiex tispira ruħek għall-kliem, ħafna drabi tant poetiċi, tal-kanzunetti tiegħek?**

Minn dak kollu li nosserva madwari. Jgħidu li aħna l-artisti għandna l-antenni li jgħinuna nirnexxu ftit aktar minn persuni oħrajn b'xogħol differenti, biex naraw dak li hu inviżibbli jew inqas viżibbli f'għajnejn ħaddieħor. F'dan is-sens tista' tiddeskrivina bħala 'ħallelin', li jirnexxilna nisirqu s-sensazzjoni, l-emozzjoni, l-istejjer ta' ħaddieħor, jew inkella li nirrakkontaw l-istejjer tagħna li mbagħad iservu biex jiġbdu l-attenzjoni tal-pubbliku u li ħafna drabi jassoċja ruħu magħhom.

**Meta ma tkunx qed tikteb il-kanzunetti jew tkanta, x'tieħu gost tagħmel iktar f'ħajtek?**

Maż-żmien il-mużika saret tokkupali prattikament il-ħin kollu ta' ħajti, fis-sens li dak kollu li nagħmel tista' tgħid li jkollu konnessjoni max-xogħol, mal-professjoni tiegħi. Mill-bqija nħobb infittex ftit tas-skiet, għax tant nisma' ħsejjes matul ġranet sħaħ, tant storbju… li ftit tal-kwiet napprezzah forsi aktar minn ħaddieħor. Imbagħad jogħġobni ħafna l-baħar, l-idea li l-baħar hu univers ta' min jiskoprih dejjem aktar. Jaffaxxinani, speċjalment meta quddiem l-immensità tal-baħar inkun fil-kumpanija tas-silenzju.



Claudio Baglioni waqt ir-'rehearsals' għall-kunċert ta' għada



Waqt l-intervista minn Joe Cassar f'Dar il-Mediterran

**Kif beda l-interess tiegħek fil-problema ta' l-immigrazzjoni klandestina u kif nibet il-ħsieb tal-Fondazzjoni *O'Scia?***

Il-kelma *O'Scia* fid-djalett ta' Sirakuża tfisser 'In-nifs tiegħi', li tintuża b'mod intimu biex tirreferi għal persuna li trid turiha li tixtiqilha l-ġid, ir-rispett, l-imħabba. Kollox kellu l-bidu tiegħu bl-osservazzjoni ta' dan il-fenomenu ta' dawn il-vjaġġi fil-baħar mill-immigranti klandestini, il-vjaġġi disperati ta' tant nies li fiż-żminijiet moderni ta' llum għadhom jgħixu f'sitwazzjonijiet drammatiċi. Jiena jidhirli li aħna ma nistgħux nibqgħu nagħmlu ta' birruħna li m'hu jiġri xejn.

**Ċertament m'hemmx soluzzjonijiet facli għal din il-problema…**

Assolutament… imma bħala ċittadini tad-dinja ma nistgħux inċedu fit-tentattivi tagħna biex naffrontaw u xi darba nsolvu l-problema ta' dawn in-nies. Irridu wkoll nippromwovu l-idea li ngħixu l-ħajja bl-arti ta' l-inkontri. Li persuni b'ideat, bi twemmin, b'kulturi differenti, jiltaqgħu u jgħixu flimkien tgħin biex ħajjitna tarrikkixxi ruħha. Id-dinja komplikata li qegħdin ngħixu fiha għandha bżonn ta' aktar integrazzjoni. Jekk inħarsu fil-fond insibu li aħna wlied ta' tant stejjer, ta' tant ċiviltajiet, ta' tant ġganti li ġew qabilna, u ma nistgħux ningħalqu issa, proprju meta qed nitkellmu tant dwar globalizzazzjoni.

**Il-Fondazzjoni *O'Scia* welldet ukoll il-kunċert ta' Lampedusa…**

Iva, bdejna norganizzaw dan il-kunċert erba' snin ilu u s'issa ħadu sehem aktar minn 150 artist li żbarkaw magħna u qsamna flimkien l-istess ħsibijiet permezz tal-mużika u tar-rieda tajba. Issa ġejna Malta għall-ewwel darba u l-kunċert qed insemmuh *Ciao'Scia,* għaliex hu anki tislima lill-gżira tagħkom li hi l-ewwel pajjiż li se tospita dan il-kunċert wara l-gżira ta' Lampedusa.

**Kif bdiet u żviluppat l-idea Malta?**

Ridna niġu hawn għaliex Malta hi ġeografikament u politikament interessata f'dan il-fenomenu u bħal pajjiżi oħra Ewropej trid tħares b'attenzjoni lejn il-problema ta' l-immigrazzjoni klandestina. Sibna koperazzjoni u disponibbiltà kbira mill-awtoritajiet Maltin, il-Gvernijiet rispettivi taż-żewġ pajjiżi ikkollaboraw flimkien biex l-idea tirnexxi, u llum ninsab hawn flimkien ma' żewġ veterani oħra tal-mużika Taljana, Gianni Morandi u Riccardo Cocciante, li jekk tgħodd kważi 40 sena ta' mużika kull wieħed, nimlew flimkien bagalja ta' 120 sena esperjenza fil-qasam mużikali. Imbagħad se jkollna magħna wkoll tliet kantanti importanti Maltin, lil Fabrizio Frizzi u, nispera li jilħaq jasal, Giorgio Panariello. Imbagħad min jaf, forsi xi sorpriża wkoll…

**… u wara Malta, il-Libja?**

Iva, qegħdin kważi fit-tarf tal-konferma mal-Libja wkoll, il-pajjiż li minnu joriġinaw ħafna minn dawn il-vjaġġi klandestini. Qegħdin infittxu d-dati u l-artisti li jkunu disposti jieħdu sehem. Probabbilment nagħmluh lejn tmiem din is-sena jew fl-ewwel xhur tas-sena d-dieħla.

**Jagħtuk sodisfazzjonijiet kunċerti ta' dan it-tip?**

Iva, ħafna. Din il-manifestazzjoni, li bdiet bil-mod il-mod bi ftit mezzi fuq xtajta tal-gżira ta' Lampedusa, kienet u għadha esperjenza sabiħa għax illum, minkejja li kiber, l-avveniment ma tilifx il-karatteristika tas-sempliċità tiegħu tal-bidu anki jekk illum dan il-kunċert hu magħruf f'kull parti tad-dinja, mhux biss fl-Ewropa.

**Xi jkun ġeneralment ir-rispons tal-kantanti li tistieden għal din l-okkażjoni?**

Kważi kollha jilqgħu l-istedina b'entużjażmu, u xi wħud minnhom anki b'sagrifiċċji minħabba li jkunu għaddejjin b'xi *tour* tagħhom u kultant ikollhom jivvjaġġaw fit-tul biex jaslu f'Lampedusa.

**Jekk m'inix sejjer żball din se tkun l-ewwel darba li int se tkanta ma' Morandi u Cocciante flimkien?**

Hekk hu, l-ewwel darba. Individwalment kantajt magħhom f'xi edizzjonijiet passati ta' *O'Scia,* imma mat-tnejn flimkien l-ewwel esperjenza se tkun fil-kunċert ta' Malta.

**F'Settembru tas-sena li għaddiet kantajt ukoll fil-Parlament Ewropew u aċċennajt għall-problema ta' l-immigrazzjoni klandestina. X'kien l-iskop ta' dak il-kunċert u x'kienet l-esperjenza tiegħek f'dik l-okkażjoni?**

Kienet esperjenza pożittiva anki għax kienet segwita b'diskussjoni dwar il-problema. Jien għamiltha ċara li aħna l-artisti ma rridux nissostitwixxu la lill-politiċi u lanqas lill-istituzzjonijiet, imma s-sehem tagħna rridu nagħtuh ukoll. L-ideali f'dinja perfetta jkun li xi darba kulħadd ikun jista' jivvjaġġa mingħajr konfini u jġorr miegħu l-esperjenza tal-ħajja lejn pajjiż ieħor mingħajr il-bżonn li jpoġġi lilu nnifsu fir-riskju ta' dawn it-traġedji minbarra l-fatt l-ieħor ta' l-isfruttament ta' dawn in-nies.

**Il-problema tibqa' li gżejjer żgħar bħal Lampedusa u Malta qed ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' vjaġġi li issa saru jaslu b'regolarità…**

Is-soluzzjonijiet huma kumplikati mmens. Partikolarment Malta, b'territorju daqshekk ċkejken, għandha problema kbira u diffiċli tkun solvuta kif ġieb u laħaq. Għandha bżonn il-protezzjoni ta' missier li hu ħafna ikbar minnha. Malta għandha tgawdi mill-vantaġġ ta' Ewropa magħquda mhux biss ekonomikament imma anki politikament, soċjalment, moralment. Għalhekk aħna Ewropej, mhux sempliċement biex ikollna munita waħda, imma f'sens ħafna ikbar minn hekk.

Trid tikber ħafna l-idea ta' missier li jieħu ħsieb iċ-ckejknin tiegħu u jagħtihom idejh fil-problemi. Bit-tama li xi darba dan il-missier ma jkunx biss l-Ewropa imma d-dinja kollha.

Aħna, min-naħa tagħna, se nibqgħu hemm, nixegħlu d-dawl li nistgħu fejn naraw id-dlam billi ndoqqu u nkantaw fuq il-palk quddiem il-folol tan-nies. Irridu nibqgħu nagħmlu dak li nafu u nagħtu l-aħjar tagħna biex inkattru l-bżonn ta' aktar għarfien, ta' aktar solidarjetà, u biex nirrakkontaw lil dawk ta' quddiemna li aħna qegħdin hemm mhux biss bħala artisti imma anki bħala ċittadini tad-dinja.

**Imma realment x'tista' tagħmel il-mużika quddiem problema kbira bħal din?**

Il-mużika waħedha, bħal kull ħaġa oħra waħedha, ma tasalx fejn tixtieq. Mhux li kien kellna l-mezzi biex infejqu din il-ġerħa! Imma m'għandniex. Li nagħmlu aħna hu li nlaqqgħu folol ta' nies u bil-mużika tagħna nissuperaw il-konfini tal-lingwi u ta' l-ideoloġiji u permezz tal-preżenza tagħna fuq il-palk u tal-folla ta' quddiemna nagħmlu pressjoni biex nagħtu l-għajnuna ċkejkna tagħna għal kawża ferm ikbar minna u għax hi ikbar irridu ningħaqdu aktar u nimbuttaw flimkien biex il-mexxejja u l-politiċi tal-pajjiżi kollha jaħsbu b'aktar serjetà u b'impenn akbar biex jinstabu s-soluzzjonijiet.

**Qatt ikkunsidrajt il-possibbiltà ta' karriera fil-politika?**

Le. Għaliex il-politika hi arti importanti ħafna, diffiċli li tagħmilha tajjeb u titlob wisq ħin u dedikazzjoni. Jien il-politika tiegħi sibtha fil-mużika fejn nipprova ngħaqqad in-nies flimkien. Min-naħa l-oħra ħafna drabi l-politika tifred. Jien ma nista' qatt inkun hemm. Nippreferi ħafna nibqa' nagħmel dak li qed nagħmel.

**Din m'hijiex l-ewwel okkażjoni tiegħek f'Malta… kellek kunċert stupend f'Dar il-Mediterran fl-2005 u ftit qabel anki kunċert privat f'lukanda. X'inhuma l-impressjonijiet tiegħek tal-gżira tagħna?**

Malta hi letteratura, fis-sens li tant hi mogħnija bi storja li niddeskriviha bħala ħolma kbira, misteru kbir. B'tant karatteristiċi qawwija f'dik li hi storja u kultura, lil Malta tista' tiddeskriviha bħala l-kapitali tad-dinja. Hi attrazzjoni kbira u nispera li aktar nies jiskopruha u jżuruha. Jiena bosta drabi kelli f'moħħi li niġi imma dejjem ninqabad bix-xogħol minn ħaġa għall-oħra, imma mbagħad fi ftit żmien ġejt diversi drabi, dan l-aħħar kont hawn anki biex nagħżlu l-post fejn se jsir il-kunċert, li hu post meraviljuż.

**X'inhuma l-possibbiltajiet li l-kunċert ta' Malta jsir attività annwali bħalma hu dak ta' Lampedusa?**

Nixtiequ ħafna. Imma jiddependi mill-mezzi biex inkunu nistgħu nagħmlu dan. Irrid nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-Ministri Francis Zammit Dimech u Tonio Borg u anki lill-kollaboraturi tiegħi li ilhom hawn ġranet sħaħ biex jaraw li l-attività tkun organizzata kif jixraq. Nawgura li din tkun ix-xewqa ta' kulħadd u nispera li flimkien insibu l-mezzi biex din l-inizjattiva ma tkunx waħda iżolata. Mhux faċli għaliex il-kunċert hu bla ħlas imma xorta għandu l-ispejjeż tiegħu, li m'humiex żgħar.

**Il-messaġġ tiegħek lill-Maltin dwar l-immigrazzjoni klandestina u lil dawk li se jattendu għal dan il-kunċert?**

Nispera minn qalbi li f'din il-problema l-Maltin ma jħossuhomx weħidhom u jitolbu li jkollhom garanziji ta' għajnuna minn pajjiżi ikbar li għandhom iħarsu lejkom bħala l-proxxmu tagħhom b'aktar rispett u b'sens akbar ta' altruiżmu u solidarjetà.

Qed ngħixu fi żmien fejn l-affarijiet qed jinbidlu, spiċċaw l-ideoloġiji, imma jibqa' l-fatt li d-dinja għandha kontinent sħiħ, bħalma hu l-kontinent Afrikan u postijiet oħra, fejn qed jiġru affarijiet terribbli u fejn għad hemm tant mard, ġlied u faqar. Irridu nibqgħu nfittxu li nikbru flimkien, li nħarsu lejn dawn il-problemi u nibqgħu nfittxu u nistaqsu lilna nfusna jekk nistgħux nagħmlu iktar milli qed nagħmlu biex ngħinu lil dan il-kontinent.

Lil dawk li se jkunu magħna l-Waterfront nawguralhom li jieħdu gost fil-kunċert sabiħ li qegħdin inħejju. Se jkun festa ta' mużika, iva, imma nispera li jkollna wkoll mumenti ta' riflessjoni. Irridu nkunu flimkien u nibqgħu flimkien, biex 'il quddiem din il-problema naffrontawha b'aktar impenn u b'aktar saħħa.



CLAUDIO BAGLIONI: "Għada nagħmlu festa ta' mużika… imma wkoll b'mumenti ta' riflessjoni"